MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 258/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Josric Mifsud)**
**Vs**
**Massimo Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fis-27 t'Awissu 2002, ghall-habta tas-2.00 p.m., fil-Floriana, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa,
1) ikkommetta serq ta' LM10 fi flus kontanti mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 842 tal-marka Subaru ghad-dannu ta' Lucy Anne Pace minn B'kara, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa w dan bi ksur tal-artikoli 261(b)(g), 263(a) u 271(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli w cioe’ ghamel hsara fil-vetturi bin-numru tar-registrazzjoni AAJ-842 tal-marka Subaru, BAT-174 tal-marka VW Polo, BBI-413 tal-marka Peugeot 106 u BBD-602 tal-marka Peugeot 106, propjeta’ ta’ Lucy Anne Pace minn B’Kara, Selina Marie Neville mill-Mosta, Angele Kissaun mill-Msida u Sharon Aquilina minn tas-Sliema respettivament, liema hsara hija ta’ aktar minn LM50 (hamsin lira Maltin) izda mhux aktar minn LM500 (hames mitt lira Maltin) ghad-dannu tal-istess propjetarji u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement xtara jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4) b’hekk sar recidiv b’sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 t’Ottubru, 1998 (Mag. Dr. Noel Cuschieri LL.D).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Settembru, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli tal-ligi 261, 263, 271, 278, 281, Kap. 9, 325 u 17 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghal sena prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta’ Settembru, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell billi thassar u tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata billi tiddikjaraha nulla w tirrimetti lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati jew tiddeciedi l-kaz, jew alternattivament tilqa’ dan l-appell, limitatament ghal piena nflitta w tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassarha w tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat ir-rikors tal-appellant tas-17 t’ Ottubru, 2005 fejn talab li jigu prodotti bhala xhieda l-Probation Officer,**

**John Testa, l-co-ordinator tas-SATU Dr. John Zammit Montebello u l-psychologist Joan Camilleri ;**

**Rat id-Digriet Taghha tal-istess data;**

**Rat ir-Risposta tal-Avukat Generali tat-18 t' Ottubru, 2005, fejn hu ddikjara li ma jopponix it-talba;**

**Rat id-Digriet Taghha tad-19 t' Ottubru, 2005, fejn laqghet it-talba;**

**Rat in-Nota tal-appellant tal-20 t' Ottubru, 2005, li biha ddikjara li qed icedi l-aggravju tieghu dwar in-nullita' tas-sentenza, fil-waqt li jzomm fermi wsodi l-aggravji l-ohrajn fir-rikors tal-appell.**

**Rat illi l-aggravji rimanenti tal-appellant huma s-segwenti u cioe':- li l-kuncett li "*crime does not pay*" m'ghadux applikabbli fiz-zminijiet tal-lum u l-iskop tal-piena hu r-riabilitazzjoini. Illi l-appellant kien tal-eta' tenera tas' 22 sena meta kkommetta r-reat u li kkoopera bis-shih mall-awtoritajiet; li r-*res furtiva* giet rekuperata u ritornata lill-legittimi proprjetarji taghha u l-hsara kommessa hija zghira u giet ukoll rikompensata. Li hu ammetta fl-ewwel udjenza u allura fi stadju bikri. Li dawn il-fatturi ma gewx riflessi fil-piena erogata li ma kienetx wahda gusta u ekwa f' dawn ic-cirkostanzi u l-piena karcerarja ser tkun wahda kontroproducenti, partikolarment meta jigi konsidrat it-trapass ta' tlitt snin minn meta gie kommess ir-reat. Li l-appellant kien qed jattendi programm ta' riabilitazzjoni residenzjali u jirrizulta li qed jaghmel progress fih.**

**Semghet ix-xhieda ta' John Testa, Dr. John Zammit Montebello u Joan Camilleri ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**L-Ufficjal tal-Probation** John Testa, **inkarikat mill-appellant u li ilu jsegwi lill-appellant mis-16 ta' Frar, 2005, xehed li jarah kull tlitt gimghat fis-SATU u jircevi rapporti ta' progress pozittiv dwaru.**

Dr. John Zammit Montebello M.D**. xehed li bhala ko-ordinatur tas-Substance Abuse Therapy Unit (SATU) jista' jghid li l-appellant ilu mill-20 t' April, 2005 ma jiehu xi medicini psikotropici w li kemm ilu s-SATU ghamel progress sostanzjali u issa anki qieghed supervisor fuq ohrajn. Hu kellu problema kif jirrelata ma haddiehor u issa qed juza l-pozizzjoni li ghandu f' sens pozittiv. Hu jtemm il-programm f' Jannar, 2006.**

Joan Camilleri**, clinical psychologist tas-SATU, li xehdet fuq rikjesta tal-istess appellant, qalet li l-appellant ilu hemm sitt xhur wara li kien gie trasferit mill-habs. Baqghet tarah darba fil-gimgha u l-ahhar li ratu kien fid-29 ta' Settembru, 2005. Hi xehdet ukoll li jekk l-appellant jibqa' gos-SATU ghall-periodu itwal minn dak li fadallu b' sentenza ohra li qed iservi, dan jaghmillu gid. (emfasi tal-Qorti)**

**Ikkonsidrat;**

**Li l-appell issa hu cirkoskritt ghall-piena. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999]** , **"**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.)**

**F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi. L-appellant irid jirrispondi ta' serq aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa li skond l-artikoli 278 huwa punibbli bil-prigunerija minn hames xhur sa tlitt snin u l-piena ma tinghatax fil-minimu taghha. Hemm umbaghad il-konkors tar-reati mar-reat**

**ta' hsara volontarja skond it-tieni imputazzjoni, li hu punibbli b' piena minn hames xhur sa sena w dan bla ma wiehed iqis li dan kien reat kontinwat fejn allura l-piena tista' addirittura tizdied bi grad jew zewg gradi skond l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali li ovvjament jista' jkompli jzid fil-piena skond l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalhekk il-piena karceraja erogata kienet ferm eqreb lejn il-minimu possibbli milli lejn il-massimu.**

**Illi l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt tal-ammissjoni bikrija u tar-rikompens tal-hsara w fil-fehma ta' din il-Qorti l-Ewwel Qorti applikat piena pjuttost miti fic-cirkostanzi meta wiehed iqis il-kondotta ferm refrattarja tal-appellant.**

**Bizzejjed li jigi rilevat li l-appellant gja instab hati ta' reati serji mill-Qrati mill-inqas hames darbiet. Dawn ir-reati kienu jinkludu pussess semplici ta' droga u diversi kazi ta' pussess tal-istess droga f' cirkostanzi li jindikaw li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu, diversi kazi ta' tentattiv ta' serq, sensiela ta' kazi ta' hsarat volontarji fuq sensiela ta' vetturi, w diversi kazi ta' reat kontinwat ta' sensiela ta' serq aggravat minn postijiet differenti. Hu gie liberat kondizzjonatament darbtejn, tpogga taht probation darba, nghata sentenza ta' prigunerija sospiza darbtejn u darba kellu sentenza ta' prigunerija effettiva wara li kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu b' sentenza precedenti. Dan kollu minkejja li nghata diversi opportunitajiet mill-Qrati.**

**Illi l-aggravju dwar it-trapass taz-zmien ukoll jidher infondat stante li ma kienx hemm xi dewmien esagerat f' din il-kawza tenut kont il-pass xejn mghaggel li sfortunatament qed jitmexxew bih proceduri kriminali ta' din ix-xorta quddiem il-Qrati tal-Magistrati. Hu veru li saru diversi differimenti bla bzonn izda uhud minn dawn sahansitra saru jew ghax ma deherx l-appellant jew id-difensur tieghu w, aktar tard, minhabba li l-appellant, wara li kien irregistra ammissjoni inkondizzjonata fil-bidu tal-process**

**(inkluz l-addebitu tar-recidiva), (fol.6) iddecieda li jirtira din l-ammissjoni fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva (fol. 23). F'kull kaz, kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, t-trapass taz-zmien m' ghandux iwassal biex tinghata sentenza inqas minn dik li suppost tinghata ghaliex inkella imputati li jirmexxilhom b' diversi modi jtawwlu l-proceduri kontra taghhom, jistghu jigu vantaggjati fuq ohrajn fejn il-process jigi konkjuz fi zmien iqsar. Dan ghax kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia et" **[2.10.2002]:-**

***"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma . Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra. "***

**F' dawn ic-cirkostanzi zgur li wiehed ma jistax jghid li l-Ewwel Qorti erogat piena harxa.**

**Fil-waqt li din il-Qorti tosserva b' sodisfazzjoni xi progress - reali jew apparenti - li l-appellant qed jaghmel waqt is-soggorn tieghu fis-Substance Abuse Therapy Unit u tawgura li dan ikompli f' din id-direzzjoni, mill-banda l-ohra l-Qrati ma jistghux ikunu kondizzjonati fl-applikazzjoni tal-pieni determinati fil-ligi, semplicement ghax il-hati, oltre li jkun kiser diversi dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, jkun kiser ukoll xi dispozizzjoni tal-Kapitoli 31 jew 101, billi abbuza mid-droga w allura ikun inghata l-opportunita' li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni.**

**Lodevoli w pozittiv kemm hu li wiehed jidhol ghall-programm simili – programm li x' aktarx jista' ikun**

**inbeda biex dak li jkun jehles xi ftit mir-riguri tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u jmur f' ambjent inqas kontrollat, dan il-fattur ma jistax iwassal biex il-hati jigi vantaggat fuq hatjin ohra li ma jkollhomx il-problema tad-droga. Inkella ser tizviluppa sitwazzjoni fejn kriminal ghax ikun, barra minn reati kontenuti fil-Kodici, jikkommetti ukoll reati konnessi mall-uzu jew abbuz tad-droga, minnflok ma jigi kastigat tar-rejita' aktar gravi tieghu, ser ikun vantaggat u privileggat fuq min ikollu htijiet inqas minnu, u ma jkunx abbuza mid-droga. Meta l-hati, oltre r-reat tal-abbuz mid-droga, jkun ikkommetta reati serji ohra, hu ghandu dejn x'jiskonta mas-socjeta' w kull programm ta' riabilitazzjoni mid-droga jrid ikun kontrobilancjat mall-konsiderazzjoni li jkun irid jiskonta l-piena li jgibu maghhom tali reati ohra li igibu dannu kbir u allarm fis-socjeta' w li l-ligi kriminali tirrikjedi li jigu puniti.**

**Fil-kaz in ezami umbaghad, kif xehdet Joan Camilleri, li ntalbet li tixhed mill-appellant stess, jekk tigi konfermata s-sentenza ta' s-sena ta' prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti w l-appellant jithalla jkompli jservi din is-sentenza fis-SATU, dan ikun addirittura ta' gid ghalih.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b' dana pero' li tirrakkomanda lill-Awtoritajiet tal-Habs u dawk tas-Substance Abuse Therapy Unit biex – jekk hu possibbli – l-appellant ikompli l-programm ta' riabilitazzjoni gja minnu mibdi b' success sakemm jintemm il-periodu karcerarju kollu tieghu, inkluz dak erogat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti, li qed tigi konfermnata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------